**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' MARZU, 2023**

**Kawza Numru: 21**

**Rik. Ġur. 1040/2022 RGM**

**Sterling Car Rentals Limited (C-9362)**

**Vs**

**Allison Management Ltd (C-86044)**

**Il-Qorti:**

B'rikors ġuramentat ippreżentat fil-31 ta' Ottubru, 2022 is-soċjeta' attriċi talbet lill-Qorti:

1. TAQTA' U TIDDEĊIEDI t-talba tas-soċjetà attriċi u tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skont l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. TIDDIKJARA illi s-soċjetà intimata hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' ta' ħamsa u tletin elf mitejn sebgħa u erbgħin

Ewro u tmien ċenteżmi (EUR 35,247.08) rappreżentanti bilanċ ta' debitu dovut lilha skont l-kuntratt su ċitat;

3. TIKKUNDANNA lis-soċjetà intimata tħallas lis-socjeta attriċi l-imsemmija somma ta' ħamsa u tletin elf mitejn sebgħa u erbgħin Ewro u tmien ċenteżmi (EUR 35,247.08);

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata inklużi dawk marbuta mal-ittra uffiċjali 4068/2022 u s-sekwestru kawtelatorju li qiegħed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża.

B'digriet tat-8 ta' Novembru, 2022 l-Qorti ordnat li rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta jidher quddiemha fis-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2022 b'avviż illi jekk jonqsu milli jidhru l-Qorti tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet attriċi.

Saru diversi tentativi sabiex tiġi notifikata s-soċjeta' konvenuta tant li l-Qorti awtorizzat in-notifika bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni liema proċedura wara diversi differimenti ġiet fi tmiemha fl-1 ta' Marzu, 2023.

Meta ssejħet il-kawża fit-22 ta' Marzu, 2023 deher biss l-avukat difensur tal-attur li ddikjara li fil-mori tal-kawża ma ġie effettwat l-ebda pagament referibbli għas-sorte mertu tal-kawża.

Ma deher ħadd jirrapreżenta lis-soċjeta' konvenuta.

Irriżulta wkoll mill-atti illi ma ġietx ippreżentata nota sabiex jiġi kkontestat is-siwi ta' dawn il-proċeduri fit-termini tal-**Artikolu 170 (1) tal-Kap. 12**.

Rat l-atti.

Rat illi l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi, Charles Mifsud in rappreżentantza tas-soċjeta' attriċi iddikjara bil-ġurament tiegħu:

1. Illi s-soċjetà rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjetà intimata fis-somma ta' ħamsa u tletin elf mitejn sebgħa u erbgħin Ewro u tmien ċenteżmi (€35,247.08) rappreżentanti ammont dovut mis-soċjetà rikorrenti lill-istess soċjetà intimata;

2. Illi dan l-ammont huwa dovut ai termini ta' skrittura privata datata l-erbatax ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (14.7.2020), kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok. A**', permezz ta' liema s-soċjetà attriċi kienet qiegħda tikri l-vettura tal-għamla Jaguar i-Pace u li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni HQZ-001 għal perjodu ta' sittin (60) xahar versu l-ħlas ta' elf ħames mija tnejn u erbgħin Ewro (EUR 1,542) fix-xahar, ma' liema ammont għandha tiġi miżjuda ukoll it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT);

3. Illi inoltre, is-soċjetà intimata kienet obbligata ukoll illi tħallas il-polza tal-assikurazzjoni fuq din l-istess vettura, u dan ai termini tal-istess kuntratt surreferit;

4. Illi s-soċjetà intimata ilha ma tħallas il-kera ta' kull xahar sa minn April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), tant illi sal-lum-il ġurnata is-somma globali dovuti lis-soċjetà rikorrenti tammonta għal ħamsa u tletin elf mitejn sebgħa u erbgħin Ewro u tmien ċenteżmi (EUR 35,247.08) u dan hekk kif indikat fl-istatement hawn anness u mmarkat bħala '**Dok. B**';

5. Illi permezz tal-ittra uffiċjali bir-Referenza Numru 4068/2022, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok. Ċ**', is-soċjetà attriċi infurmat lis-soċjetà intimata illi hija qiegħda tittermina, b'mod immedjat, il-kuntratt ta' kera surreferit minħabba l-inadempjenza tas-soċjetà intimata filwaqt illi l-istess soċjetà intimata ġiet interpellata sabiex taddivjeni għall-ħlas tal-ammont dovut fl-intier tiegħu (EUR 35,247.08);

6. Illi minkejja dawn l-interpellazzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti, kemm bonarji kif ukoll dawk uffiċjali, is-soċjetà intimata għażlet li tibqa' inadempjenti;

7. Illi l-ammont li qiegħed jintalab mis-soċjeta rikorrenti huwa dejn ċert, likwidu u dovut, u hija wkoll il-fehma tas-soċjetá rikorrenti li s-soċjetà intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont. Għalhekk jirriżulta li jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta

8. Illi għalhekk, is-soċjetà rikorrenti kellha tiftaħ din il-kawża odjerna.

Illi mid-dikjarazzjoni ġuramentata u l-provi dokumentarji annessi mar-rikors promotur jirriżulta sodisfaċentement illi l-ammont reklamat mis-soċjeta' attriċi huwa dovut mis-soċjeta' konvenuta.

Illi skond Artikolu 170 tal-Kap. 12 jekk il-konvenut jibqa' kontumaċi il-qorti għandha tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta,

1. **Tilqa'** l-ewwel talba;

2. **Tilqa'** t-tieni talba, tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' ħamsa u tletin elf, mitejn u

sebgħa u erbgħin Ewro u tmien ċenteżmi (EUR 35,247.08) rappreżentanti bilanċ a debitu dovut mis-soċjeta’ konvenuta lis-soċjeta’ attriċi ai termini tal-kuntratt fuq imsemmi;

3. **Tilqa’** t-tielet talba, tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ ħamsa u tletin elf, mitejn u sebgħa u erbgħin Ewro u tmien ċenteżmi (EUR 35,247.08)

4. **Bl-ispejjeż** kontra s-soċjeta’ konvenuta.

Moqrija,

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta’ Marzu, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**